

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-3 ta' Marzu 2009 — Christos Michail vs Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

(Kawża C-268/08 P) ⁽¹⁾

(Appell — Servizz pubbliku — Artikoli 12a u 24 tar-Regolamenti tal-Persunal — Fastidju psikoloġiku — Obbligu ta' għajjnuna — Żnaturament tal-fatti — Żball fir-rigward tal-klassifikazzjoni ġuridika tal-fatti)

(2009/C 113/37)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

Partijiet

Appellant: Christos Michail (rappreżentant: C. Meïdanis, diki-goros)

Appellata: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: G. Berscheid u J. Currall, aġenti, E. Bourtzalas u I. Antypas, avukati)

Suġġett

Appell ippreżentat kontra s-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza (L-Ewwel Awla) tas-16 ta' April 2008, Michail vs Il-Kummissjoni (T-486/04), li permezz tagħha l-Qorti tal-Prim'Istanza ħadhet ir-rikors tal-appellant għall-annullament tad-deċiżjoni impliċita tal-Kummissjoni, tal-20 ta' Marzu 2004, li ħadhet it-talba għal għajjnuna mressqa mill-appellant skont l-Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal — Ksur tal-Artikolu 12a tal-imsem-mija regolamenti — Fastidju psikoloġiku — Żnaturament tal-fatti — Żbalji mwettqa fil-klassifikazzjoni ġuridika tal-imsem-mija fatti.

Dispożittiv

- 1) L-appell huwa miċħud.
- 2) C. Michail huwa kkundannat għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 223, 30.8.2008

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Amtsgericht Charlottenburg fis-17 ta' Novembru 2008 — Amiraïke Berlin GmbH vs Aero Campus Cottbus Ltd.

(Kawża C-497/08)

(2009/C 113/38)

Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Amtsgericht Charlottenburg

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Amiraïke Berlin GmbH

Konvenuta: Aero Campus Cottbus Ltd

Domanda preliminari

Id-dispożizzjonijiet tad-dritt Komunitarju primarju, u b'mod partikolari, l-Artikoli 10 KE, 43 KE u 48 KE, kif ukoll il-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku ta' kull sistema legali nazzjonali tal-Istati Membri tal-Komunità, għandhom jiġu interpretati fis-sens li, meta Stat Membru (l-ewwel Stat Membru) jirratifika d-dritt Komunitarju primarju, huwa jkun qed jammetti li, bħala prinċipju, miżura ta' esproprijazzjoni imposta minn sistema legali tat-tieni Stat Membru għandha effett fit-territorju tiegħu, minn tal-inqas, fil-każ fejn, fl-eżerċizzju tad-dritt ta' stabbiliment li tinwoka taħt id-dritt Komunitarju, kumpannija tad-dritt privat li tkun affettwata mill-miżura ta' esproprijazzjoni tkun deliberatament issottomettiet ruħha għad-dritt tal-kumpannija tat-tieni Stat Membru, li jimponi l-esproprijazzjoni, filwaqt li teżerċita attivitajiet ekonomiċi fl-ewwel Stat Membru u li tiddisponi minn assi affettwati mill-miżura ta' esproprijazzjoni?

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesfinanzhofs (Il-Ġermanja) fil-11 ta' Frar 2009 — Leo-Libera GmbH vs Finanzamt Buchholz in der Nordheide

(Kawża C-58/09)

(2009/C 113/39)

Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Bundesfinanzhof

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Leo-Libera GmbH

Konvenut: Finanzamt Buchholz in der Nordheide

Domanda preliminari

L-Artikolu 135(1)(i) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE ⁽¹⁾, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-Istati Membri jista' jkollhom fis-seħħ leġiżlazzjoni li teżenta mit-taxxa ċerti mħatri (tat-tiġrijiet) u lotteriji biss filwaqt li l-“forom oħrajn ta' loġhob ta' l-ażżard” kollha huma esklużi mill-eżenzjoni mit-taxxa?

⁽¹⁾ ĠU L 347, p. 1